VALLETTA
*Città Umilissima*

# KUNSILL LOKALI
# L-BELT VALLETTA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# 2015

**Introduzzjoni**

Għaddiet sena oħra ta' ħidma fejn il-ħidma tagħna ma waqfet xejn u minkejja in-nuqqas ta' fondi, il-Kunsill għadu u se jkompli miexi l-quddiem bi proġetti ta' tisbieħ u ambjentali kif ukoll programmi edukattivi u kulturali.

Il-ħidma tagħna se tibqa tiffoka fuq diversi oqsma sabiex nilħqu lil kulħadd u ntejbu l-ħajja tal-Belt Valletta. Nieħdu gost bis-suġġerimenti u l-ilmenti tar-residenti tagħna għaliex jgħinuna naħdmu fejn hemm l-aktar bżonn.

**Attendenza**

Minn Jannar 2015 sa Diċembru 2015:

| Isem | Attenda | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Alexiei Dingli | 12 | 0 | 0 |
| Norman Shaw | 9 | 3 | 0 |
| Christian Darren Micallef | 12 | 0 | 0 |
| Vincent Farrugia Lauri | 12 | 0 | 0 |
| Raymond Attard | 8 | 4 | 0 |
| Raymond Azzopardi | 9 | 3 | 0 |
| Vincent Fabri | 12 | 0 | 0 |
| Jake Scerri - Ambaxxatur | 4 | 8 | 0 |
| Jurgen Briffa – Ex-Ambaxxatur | 3 | | |

**Proġetti Infrastrutturali**

Saru *bollards* fi Triq Zekka quddiem in-*Nativity Museum*.

Fi Triq San Kristofru saret *traffic calmer*.

Fuq talba tal-Kappillan ta' San Duminku, saru *bollards* taħt il-bankina quddiem il-Knisja minħabba abbuż li kien qed isir. Dan ifisser li għamilna 6 *bollards* quddiem il-faċċata tal-Knisja.

Quddiem il-Knisja tal-Maddalena saru 2 *bollards* u 2 tappieri għall-arbli.

Saru ukoll 5 tappieri ġodda fi Pjazza Reġina.

Intalbet għajnuna tal-Gvern sabiex isir xogħol fil-banjijiet ta' Marsamxett għax l-ispiża titla' għal €75,000 u l-Kunsill m'għandux dawn il-fondi.

F'*Peacock Garden* weħħlu r-*railing* ta' barra li jagħmlu l-post sikur.

**Indafa fil-Belt tagħna**

Wara li kellna lmenti fuq il-Kunrattur ta' l-iskart li mhux qed jagħmel xogħolu sew, issejjaħ il-Kuntrattur fil-laqgħa tal-Kunsill biex jagħti l-verżjoni tiegħu. Il-Kuntrattur ippreżenta rapporti ta' tindif permezz ta' *datatrak system* fejn wera ċar li l-kuntrattur kien għamel xogħolu. Preżenta ukoll lill-Kunsill numru ta' ritratti fejn wrew ċar abbuż mir-residenti kif ukoll mill-komunita` kummerċjali. Il-Kunsill qabel li qed jagħmel xogħolu sew ħafna u qabel ukoll li għandu jaddotta *name and shame* biex dawn l-abbużi jinqatgħu. Bdiet tinġabar informazzjoni mill-Komunita` Kummerċjali dwar kuntrattur privat għall-ġbir ta' skart.

Il-ġbir tal-iskart inbidel u beda jsir filgħaxija. Dak kummerċjali jsir filgħodu mill-*Public Cleansing* sabiex ma jkunx hemm *scammels* filgħaxija waqt li nies qed jieklu.

Matul l-2015 saru diversi diskussjonijiet mal-Mc Donalds minħabba problema ta' skart fiċ-ċentru pedonali.

Saru *bins* ġodda fiċ-ċentru pedonali. Apparti minn dawn se jiżdiedu aktar *bins* madwar il-Belt kollha.

Il-ġabra ta' l-*iskips* fiċ-ċentru reġgħat bdiet issir filgħodu ukoll.

Wara abbuż kontinwu ta' Triq il-Punent intalbet għajnuna lill-*Public Cleansing* biex issir *camera.*

**Edukazzjoni**

Il-Kunsill tagħna ta' għajnuna finanzjarja għal *Summer School* li ġiet organizzata għat-tfal mill-Belt.

***European Walled Towns***

F'Ottubru saret l-elezzjoni tal-*European Walled Towns*. Fuq proponiment tas-Sindku u qbil unanimu mill-Kunsilliera, il-Kunsill tagħna mhux se jipparteċipa aktar fil-*European Walled Towns*. Dan minħabba l-fatt ta' kif saru l-affarijiet fejn tnejn minn nies ħadu deċiżjonijiet li affetwaw il-presidenza mingħajr ebda konsultazzjoni mal-membri. Dan mhux mod serju kif għandha titmexxa l-EWT.

**Safar**

Is-Segretarja Gabriella Agius u l-Kunsillier Vincent Farrugia attendew għall-laqgħa ta' CARDET Ngo ġewwa Ċipru.

F'Ġunju saret ġita ta' ġurnata għal Catania u Taormina. Din kienet suċċess fejn ir-residenti Beltin ikkonkorrew bi ħġarhom. Għalhekk reġgħat saret ġita oħra ta' ġurnata f'Settembru.

Saret applikazzjoni ġdida għal proġett ieħor taż-żgħażagħ parti mill-programm *Erasmus+*. Din ġiet approvata u għalhekk dan fisser proġett ieħor fejn f'Awwissu żgħażagħ Beltin ħadu sehem fi *Training Camp* f'Sunderland. Dan kien proġett ta' skambju fejn grupp tal-*Minors* tan-*Nursery* tal-Belt żaru Sunderland għal *training camp*.

Il-Viċi Sindku Christian Micallef u s-Segretarja Gabriella Agius attendew il-*World Tourism Federation* li saret ġewwa l-Marokk.

Saret laqgħa ġewwa Brussels tal-Valletta 2018 u għaliha kien preżenti is-Sindku Prof Alexiei Dingli.

***Tenders***

Il-Kunsill qabel li jinħarġu *tenders* fuq:

1. *Kiosk Hastings*
2. *Cleaning*
3. Ġbir ta' l-iskart tas-sidien kummerċjali
4. *Bulky refuse*
5. *Architectural services*
6. *Website*

***Bye Laws***

Intbagħtet *reminder* dwar il-Liġi tal-Karozzini sabiex tibda tiġi attwata. Intbagħtet *Bye Law* oħra sabiex jibda jintuża *rubber* ma' dawn il-karozzini minħabba l-pavimentar l-ġdid li hemm fi Pjazza Kastilja. Din hija simili ta' dik li diġa qed isseħħ l-iMdina.

**Jum il-Belt**

Jum il-Belt sar nhar is-Sibt 28 ta' Marzu ġewwa l-knisja ta' Santa Katerna D'Italia u wara tqegħid tal-Kuruni. Sar ukoll riċeviment ġewwa l-*Fortress Builders*. Kull nofs siegħa kien hemm film ġewwa l-*Valletta Living History* u kien hemm dħul b'xejn għar-residenti Beltin. Filgħaxija kien hemm kunċert b'risq il-*Pupi Foundation* ġewwa Pjazza Teatru Rjal.

Din is-sena l-premju *Ġieħ il-Belt Valletta* ingħata lill-Arċisqof Emeritus Mons Pawl Cremona. Rikonoxximenti oħra lil:

1. Amber Bondin – Kantanta Beltija li rebħet l-*Eurovision*
2. Joe Tonna – Azzjoni Kattolika
3. Mario Tonna – Knisja Santa Luċija
4. Simone Mizzi – Din l-Art Ħelwa
5. Aħwa Giglio – Għalliema tad-Duttrina
6. Mons Galea – Knisja tal-Vitorja
7. Mons Philip Calleja – Knisja tal-Ġiżwiti

**450 sena anniversarju tal-Belt Valletta**

Bdew isiru preparamenti għall-450 sena anniversarju tal-Belt Valletta flimkien mal-V18. Saru diġa laqgħat biex jiġi stabbilit il-*logo* li ser jintuża. Il-Kunsill approva l-*logo* l-ġdid taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Valletta 450.

**Attivitajiet**

Saret l-Attivita` '*Sportivi Beltin*' u kien hemm 10 *awards* u 3 rikonoxximenti: Charles Camilleri, Gilbert Agius u Peter Buontempo.

Fid-9 ta' Mejju saret il-*Clean up day*. F'din l-attivita` kien involut il-kuntrattur ta' l-iskart tal-Kunsill. Ġew mistiedna persuni prominenti biex saret kampanja edukattiva li sservi għall-futur. L-*areas* tal-Belt ġew maqsuma f'4 partijiet. Kien hemm *gazebo b'refreshments*, *towerladder* biex tneħħew *wires* żejda u ntuża l-vann tal-*bulky refuse*. Bil-flus li nġabru nxtrat xi ħaġa edukattiva għall-iskola tal-Gvern ta' Sant'Iermu.

Iż-żewġ attivitajiet kienu suċċess.

Ingħataw €1,000 biex issir attivita` għan-*nurseries* kollha tal-Belt '*European Week of Sports*'.

**Ambaxxatur**

L-Ambaxxatur il-ġdid, Jake Scerri, ppropona li jagħmel sottokumitat li jkun jinkludi l-ex Ambaxxatur Jurgen Briffa. Dan ikun magħmul minn sitt membri sabiex jkun jistgħu jorganiżżaw attivitajiet fosthom attivita fuq *gaming* '*Fifa*' u '*Call off Duty*', *tournament* fis-*Salinos Ground* u *homework club.*

**Amministrazzjoni**

Għas-sena 2015 ġiet mgħoddija l-allokazzjoni totali ta' €700,223.00. Bħas-sena l-oħra l-allokazzjoni mhux qed tkopri l-ispejjeż tal-Kunsill tal-Belt Kapitali.

L-impjegat tal-Kunsill, is-Sur Emy Micallef, irreżenja mix-xogħol. Wara li saru *interviews*, is-Sur Malcolm Bezzina, ġie mpjegat mal-Kunsill Lokali fuq bażi *Full Time*.

Saru laqgħat dwar l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill flok l-ex sit tal-*Cafe Premier*.

**Laqgħat għar-Residenti**

Bejn Frar u Marzu tal-2015 saru laqgħat għar-Residenti fit-tlett Parroċċi Beltin bit-tema 'Dejjem viċin il-Poplu'.

**Affarijiet Oħra**

Saret applikazzjoni ġdida għal ko-finanzjament u ġiet approvata u l-kunsill ingħata l-ammont ta' €11,492.00 biex jkopru l-ispejjeż mhux koperti mill-proġett '*Youth with a Captial Y'*.

Matul l-2015 sar qbil biex ic-*CVA Technology* jħallsu l-ammont ta' €500.00 fix-xahar għall-użu ta' l-uffiċċini tal-Belt.

Il-Kunsill ried jagħmel applikazzjoni biex fl-2019 nkunu l-*European Capital for Sports*. Iżda peress li ma rċevejna l-ebda risposta minn naħa tal-Gvern, il-Kunsill tilef iċ-ċans li japplika. Għalhekk il-Kunsill jinsab iddiżappuntat ħafna minħabba dan in-nuqqas ta' interess fejn il-Belt tilfet opportunita` bħal din.

Il-Kunsillier Vincent Farrugia ħa sehem fil-proġett *Intercultural Cities*.

L-applikazzjoni SUMP ġiet aċċettata u l-Kunsill ingħata s-somma ta' €50,000 għal dan il-proġett biex isir.

Kellna diversi lmenti mir-residenti li l-karrozza tal-linja 133 ma kienetx qed tgħaddi miċ-Ċentru u wara li rraportajna aktar minn darba lil *Transport Malta* din reġgħat bdiet tgħaddi.

Il-Kunsill applika għall-proġett *Life+*. Huwa proġett ta' 8 miljuni u ġie sottomess f'Settembru sabiex l-iskart kollu tal-Belt jgħaddi minn taħt l-art u b'hekk jitneħħew l-*iscammels* mill-Belt. Minħabba dan, il-Kunsill sar firmatarju tal-*Covenant of Mayors u l-UN Compact of Mayors*.

Saret applikazzjoni ta' *A+ Accessibility Award* biex isiru *railings* fit-turġien li baqgħa madwar il-Belt kollha.

Applikazzjoni ta' *Life+* ġiet sottomessa u bħala *partners* hemm Scala kif ukoll Nicosia.

**Konklużjoni**

Naħseb li għal darba oħra l-Kunsill Lokali wettaq ħidma siewja li għenet sabiex ilkoll ngħixu f'ambjent isbaħ u lkoll ingawdu minn kwalità ta' ħajja aħjar. Kif rajna l-ħidma tal-Kunsill infirxet aktar minn sempliċi xogħlijiet infrastrutturali iżda wkoll inkludiet attivitajiet li jgħinu sabiex tkompli tissaħħaħ il-kommunità tagħna li kull ma tmur qed tikber u tilqa' fi ħdanha residenti ġodda li jagħżlu li jiġu jgħixu fil-Belt sabiħa tagħna.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-lokalità. Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-*policies* tal-Kunsill.